MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 179/2002/1

**Formaco Limited**

**vs**

**Martin Computers Limited u b`digriet tat-13 ta` Gunju, 2006 il-Qorti laqghet it-talba biex jigi kjamat in kawza John Martin**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta` Formaco Limited fejn din wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` erbatax il-elf, tlett mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm 14,353.10), ammont rapprezentanti prezz ta` diversi computers u oggetti ohra ancillary u konnessi, mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta`

konvenuta fuq inkarigu taghha stess, fil-perjodu bejn Ottubru 1999 u Gunju, 2001, kollox kif indikat u spjegat fl-anness statement of account mmarkat Dok. A u l-invoices relattivi mmarkati Dok. B.

Is-socjeta` konvenuta giet diversi drabi debitament interpellata minn dik attrici sabiex thallas l-ammont dovut, izda baqghet inadempjenti u ma hallsitx s-somma minnha dovuta fl-ammont hawn fuq indikat.

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta` l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi s-socjeta` konvenuta m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghal din l-istess talba.

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta` l-istanti, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` l-Artikli 167-170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erbatax-il elf, tlett mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm 14,353.10), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawn tal-Mandati kawtelatorju ta` Sekwestru u Qbid pprezentati kontestwalment ma` dan l-att, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta` l-oggetti, ossia ta` kull invoice indikata, sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tal-Hamis 14 ta` Marzu, 2002 meta deher John Martin rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Dakinhar il-Qorti akkordat ghoxrin jum lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta fejn din talbet a tenur tal-Art. 220 tal-Att XXV tal-1995, lil din il-Qorti twaqqaf il-

procedimenti peress illi kien qed jigi ntavolat rikors ghall-stralc tal-istess socjeta`.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici fejn din opponiet ghal dan il-waqfien.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta` April, 2002 li permezz tieghu il-Qorti cahdet din it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn din eccepiet illi:

Id-dokumenti statement of account immarkat “Dok A” u r-relattivi invoices immarkati “Dok B” ilkoll annessi mac-citazzjoni promottrici ma jirriflettux il-pozizzjoni fattwali.

Il-maggorparti ta` l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici thallset u fil-fatt kull ma jonqos bilanc huwa tmien mija u tlieta u hamsin Lira (Lm853) biss rappresentanti prezz ta` merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-16 ta` Novembru, 2004 li permezz tieghu il-kawza giet kancellata minn fuq il-lista.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn din talbet li l-kawza terga` titqieghed mill-gdid fuq il-lista.

Rat id-digriet tat-22 ta` Novembru, 2004 li permezz tieghu il-Qorti laqghet din it-talba u rriappuntat il-kawza.

Rat il-verbal tat-13 ta` Gunju, 2006 li permezz tieghu fuq talba tas-socjeta` attrici, gie msejjah fil-kawza John Martin.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-istess John Martin ma pprezenta ebda risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat illi:

F`din il-kawza Formaco Limited qed titlob l-ammont ta` Lm14353.10 prezz ta` merkanzija mibjugha lis-socjeta` konvenuta. L-istess socjeta` konvenuta tghid illi l-ammont li ghad baqaghlha tiehu s-socjeta` attrici huwa ferm anqas, cioe` Lm853.

Mid-dokumenti esibiti u mix-xhieda prodotti ma hemmx dubbju li l-merkanzija nxtrat. Id-dokumenti prodotti mis-socjeta` attrici, partikolarment, Dok. A (fol. 6) tal-process, ma gie bl-ebda mod kontestat. Dan l-istess dokument juri bilanc ta` Lm14353, liema ammont huwa precizament dak mitlub. L-istess John Martin, fix-xhieda tieghu, ikkonferma li s-socjeta` konvenuta kellha kont mas-socjeta` attrici u fuqu kienu jsiru pagamenti. Huwa minnu li effettivament, saru diversi pagamenti. Madanakollu, is-socjeta` konvenuta ma gabet ebda prova li realment tikkontrasta l-bilanc ta` fuq l-Lm14000 li qed jintalab.

Id-diskrepanza fl-ammont mitlub mis-socjeta` attrici u dak li qed tghid li ghandha thallas is-socjeta` konvenuta giet spjegata fix-xhieda ta` Anthony Valvo, stralcjarju tas-socjeta` konvenuta kif ukoll ta` Nicholas Falzon, impjegat tal-kumpanija ta` awdituri li kienu jiehdu hsieb il-kontijiet tas-socjeta` konvenuta. Dan ta` l-ahhar (a fol. 72) spjega kif, meta s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` kienet saret daqstant prekarja, id-direttur John Martin kien, wara diskussjoni ma` diversi kredituri, assuma xi djun tas-socjeta` fuqu personalment.

"Ghandi nispjega illi ghal habta tat-2001 peress illi l-kumpanija kellha taghti hafna flejjes lill-diversi kredituri ghal diversi supply u dawn il-kredituri kienu qed jaghmlu pressjoni biex isir b`mod ta` pagament wara diskussjoni li John Martin kellu ma uhud mis-suppliers kien accetta li jiehu over numru ta` kontijiet fuq ismu personali jigifieri li certu djun tal-kumpanija jassumiehom hu f`ismu personali halli jkun responsabbli personalment. Dan ghamlu ukoll peress illi uhud mid-djun kienu jmorru lura anki ghaz-

zmien meta hu kien jopera personalment jigifieri qabel ma ikkrea il-kumpanija. Niftakar u nista` nikkonferma illi l-kont ta` Formaco Ltd kien wiehed minn dawk il-kontijiet li hu kien assuma personalment l-obbligu li jhallas l-ammont dovut lis-socjeta` attrici".

Hekk juri d-dokument a fol. 64 tal-process liema dokument gie prezentat mill-istess stralcjarju. Dan id-dokument, statement tal-kont lis-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` Formaco, juri car li fl-ahhar ta` Settembru, 2001, l-ammont ta` Lm13500 kien "debt taken over" u ghalhekk rrizulta li l-kotba tal-kumpanija wrew minn dakinhar bilanc ta` Lm853 biss.

Il-Qorti hawnhekk tinnota li hija sorprendenti l-facilita` li biha d-direttur tas-socjeta` konvenuta ppretenda li jassumi debitu tal-kumpanija tieghu. L-istess awditur tieghu, skond ma xehed, fetahlu ghajnejh li dan ma setax isir daqshekk facilment. Ma ngabet lill-Qorti ebda prova li sar xi tip ta` ftehim la bejn is-socjeta` u d-direttur li kien ser jassumi d-debitu u lanqas mal-istess kreditur. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma farfret minn fuq spallejha l-istess debitu.

Jekk sar xi ftehim, dan sar bejn is-socjeta` konvenuta u John Martin personalment. Tali ftehm ma jista` jaffettwa bl-ebda mod id-dritt tat-terz estraneju ghall-istess ftehim, li semmai, ikkrea obbligi bejn John Martin personalment u s-socjeta`.

F`din il-kawza, kif intqal aktar il fuq, gie msejjah ukoll l-istess John Martin personalment. Dan sar sussegwenti ghax-xhieda tal-awditur li spjega li John Martin kien personalment assuma xi djun tas-socjeta` huwa. John Martn ma laqa` ghal din is-sejha bl-ebda mod, u b`hekk baqa` kontumaci.

Skond l-insenjament kostanti ta` dawn il-Qrati, il-kontumacja titqies bhala opposizzjoni u ghalhek il-Qorti xorta wahda trid tkun sodisfatta li t-talba hija gustifikata.

Fil-kaz in ezami, l-estratt mill-kontijiet tas-socjeta` konvenuta kifipprezentat mill-istralcjarju fix-xhieda tieghu juri bhala item ammont kreditat ta` Lm13500 bhala *"debt taken over"*. Dan ukoll gie korroborat mill-awditur li qal li "… nara mid-dokumenti li huma ezebiti li s-somma ta` Lm13,500 kienet giet transferred minn dejn tas-socjeta` konvenuta ghall-fuq dejn personali ta` John Martin. Dana sar wara struzzjonijiet li taghna l-istess John Martin kif diga` spjegajt. Nispjega li dan kien zmien lejn l-ahhar li ahna konna qed nahdmulu u ahna konna spjegajnielu lil John Martin illi jekk ikun irid jaghmel surroga ta` dejn irid jaghmel forma ta` kuntratt mal-kreditur li jaccetta li dejn jigi trasferit minn debitur ghall-iehor. Dana konna spjegajniehulu pero` sakemm bqajna nahdmu ahna l-accounts tal-kumpanija tieghu dokument f`dan is-sens ma rajniehx".

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li t-talba fil-konfront tal-kjamat fil-kawza giet pruvata fi grad sodisfacenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tikkundanna lil Martin Computers Limited u lil John Martin personalment, flimkien u in solidum bejniethom, biex ihallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta` €33433.73 (tlieta u tlettin elf, erba` mija u tlieta u tlettin ewro u tlieta u sebghin centezmu).

Bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni [1] kontra l-istess Martin Computers Limited u John Martin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Kliem mizjud in forza tad-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Novembru, 2008: "***u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti, ossia minn kull invoice indikata, sad-data tal-hlas effettiv***"